MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 140/1998/1

Tabib Dottor Eucharistico Attard, u Michelina mart Nazzareno Hili; Rosa Refalo, Anthony, Maria Grima, Giorgia Formosa, Frangiska, xebba, Giuseppa, xebba, Emanuel, Giovanni u Marcel ilkoll ahwa Micallef, l-istess Marcel Micallef tant f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' huh imsiefer Karmenu Micallef, u tan-neputijiet tieghu Anton, Salvu, Saver, Frangiska u Rita ilkoll ahwa Micallef; Francis, Carmel, Tonina mart Indri Vella, Maria mart Emanuel Buttigieg, u Giovanna mart Giusepp Vella ilkoll ahwa Xuereb; Mikieli Farrugia; Frangisk, Giusepp, Marcell, Salvina Camilleri, Giovanna Farrugia, u Marjanu lkoll ahwa Farrugia ; Francis Grima; Frangiska mart l-istess Frangisk Grima; Giovanna mart Francis Vella u Marcel ilkoll ahwa Saliba; Giovanna mart Paul Spiteri u Carmela armala ta' Joseph Cassar ahwa Farrugia; Salvu, u b'degriet tas-7 ta' Marzu, 2003, il-gudizzju gie trasfuz ghal fuq George, John u Joseph ahwa Farrugia, minn fuq isem Salvatore li miet fil-mori tal-kawza, u Frangiska mizzewga Hili ahwa Farrugia; l-avukat Dottor Carmelo, Albert, Mary Rose mart Salvu Bajada, u

Maria Assunta mart Joseph Bonnici ilkoll ahwa Galea, l-imsemmi Avukat Dottor Carmelo Galea tant f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju tal-imsefrin Fortun, Charlie u Salvina xebba ilkoll ahwa Zammit; kif ukoll ta' Catherine Marie xebba Zammit u ta' Kenneth, Cynthia Anne xebba, u Tracy xebba lkoll ahwa Dropiewski; kif ukoll ta' Dolores mart Colin Jackson gia armla Abdilla, u Vincenza Mizzi ahwa Galea; Vincenza armla ta' Michael Micallef; Michaelangelo, Fortun u Giorgia mart Koronato Mercieca ilkoll ahwa Galea; Rose mart Joseph Axiaq, tant f'isimha u bhala mandatarja tal-imsiefra ohtha Michelina mizzewga Camilleri, it-tnejn ahwa Portelli; Maria mart Pietro Paulo Portelli f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-imsefrin hutha Joseph, u Natale ahwa Curmi; Avukat Dottor Carmelo Galea bhala mandatarju ta' Anthony Curmi; Natalina mart Nazzareno Farrugia, Rose mart Joseph Debono, George, u Carmel ilkoll ahwa Azzopardi, l-istess Natalina Farrugia f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' hutha imsefrin Mary mart Peter Camilleri, u Angelo Azzopardi kif ukoll bhala mandatarja ta' Ganni u Maria mart Joseph Bartolo ahwa Rapa, u tal-imsefrin Paul, John, Natale maghruf bhala Charles, Mary xebba, u Vincenza maghrufa bhala Nancy xebba, ahwa Muscat; Joseph, Maria mart Ganni Buttigieg, Carmela mart Michael Azzopardi, u Grace mart Ganni Galea, ilkoll ahwa Caruana, George u Salvina mart George Caruana ahwa Galea; Rosa Vella, u b'degriet tat-12 ta' Marzu, 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria Debono f'isimha u bhala mandatarja tal-imsefrin Carmelo Vella u Lorenza mart John Attard minn flok Rose Vella li mietet fil-mori tal-kawza; Salvina mart Carmelo Xuereb f''simha proprju u bhala mandatarja tal-imsefrin hutha Concetta mart Carmelo Vella, Carmela mart Ganni Cassar, Wenzu, Giuseppa mart Nicholas Xerri, ilkoll ahwa Xuereb, u tal-imsefrin neputijiet taghha Antonia mizzewga Mifsud, Samuel John Joseph, Mary mizzewga Xerri, Joseph John, u Helen mizzewga Zammit ilkoll ahwa Vella; Michael Spiteri; Maria mart Ganni Attard f'isimha proprju u bhala mandatarja tan-neputijiet taghha imsefrin Andrea, Mark u Troy ahwa Magro; Salvatore, Tabib Dottor Fortunato, Lorenzo, Pawlu, Helen armla ta' Emanuel Attard, Giovanna xebba, ilkoll ahwa Zammit; Mary mart Mark

Arcidiacono, George, Michael, Joseph, Paul, Victor, Evelyn mart Anthony Hart, u Helen mart Joseph Compagno ilkoll ahwa Zammit; Michael, Piju, Marianne armla ta’ Emanuel Tabone; Mary Rose armla ta’ Emanuel Buttigieg, ilkoll ahwa Bajada; Frankie Bajada; Mary Lourdes mart Benny Rizzo, u Joseph ahwa Bajada; George u Annetta xebba ahwa Bajada; Francis, Joseph, Victoria mart Coronato Said, Doris mart Saviour Buttigieg, u Giovanna mart Frank Mercieca ilkoll ahwa Refalo; Mary Rose xebba, Giovanna xebba, Michaelina mart Joseph Bajada, Salvina mart Frank Agius, u Antonia xebba ilkoll ahwa Attard, l-istess Antonia tant f’isimha proprju kif ukoll f’isem huha imsiefer Frank Attard; Giovanna xebba Refalo f’isimha u bhala kuratrici ta’ huha interdett Joseph Refalo; Luigi, Eucharistico, Maria xebba u Giuseppi ilkoll ahwa Galea; Giuseppa xebba u Maria mart Pietro Corso ahwa Galea; Luigi, Joseph, Carmel, Mary mizzewga Galea, u Anna mizzewga Camilleri lkoll ahwa Pace; Luigi, Joseph, Ganni, Mary Jane mart Peter Buontempo, u Rosaria xebba lkoll ahwa Refalo; Luigi, Eucharistico, Carmelo, Ursola mart Emanuel Chircop, Giuseppa mart Victor Sillato, u Maria xebba lkoll ahwa Portelli; u Ganni Portelli .

vs

Dr. Mario Scerri li b’degriet tat-30 ta’ Lulju, 1998 gie mahtur Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Loretta, Janice u John ilkoll ahwa Magro; lill-assenti Stephen Magro; lill-assenti Lorenzo, Giuseppa Magro, Maria Dolores sive Doris Attard, u Elizabeth sive Lisa Sultana ilkoll ahwa Attard; u lill-assenti Lorenzo, Anthony, Alfred, Maria mart Anthony Grech u Carmela mart Loreto Sultana lkoll ahwa Galea .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi Michael Attard, gia iben il-mejtin Fortunato u Maria nee’ Cordina, miet fix-Xaghra, Ghawdex fis-sitta ta’ Awissu elf disa’ mija tmienja u ghoxrin (6.8.28) ;

Illi dan Michael Attard kien mizzewweg tlett darbiet. Mill-ewwel zwieg tieghu ma kellux ulied, mentri t-tieni mara tieghu kienet Vincenza bint Giusepp Gauci u Evangelista nee' Azzopardi, u t-tielet mara kienet Rosa bint Michael Camilleri u Anne nee' Grima ;

Illi Vincenza Attard mietet fil-hamsa (5) ta' Jannar elf tmien mija u hamsa u sebghin (1875); fil-waqt illi Rosa Attard mietet fil-hdax (11) ta' Frar elf disa' mija tmienja u erbghin (1948) ;

Illi miz-zwieg bejn Michael Attard u Vincenza Gauci twieldu tlett itfal Maria mart Frangisk Farrugia, Carmela mart Fortun Zammit u Giuseppa mart Lorenzo Magro; mentri miz-zwieg bejn Michael Attard u Rosa Camilleri twieldu sebat itfal ohra Vincenza mart Natal Portelli, Fortunata mart Michael Zammit, Annetta mart Carmelo Bajada, Annunziata xebba, Fortunato guvni, Giusepp u George .

Illi Vincenza Attard mietet intestata u kwindi wirtuha t-tlett uliedha; mentri Michael u Rosa Attard irregolaw is-successjoni taghhom bis-sahha ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci, l-ewwel wiehed tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' April elf disa' mija u erbatax (1914) u l-iehor tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru elf disa' mija tlieta u ghoxrin (1923) ;

Illi l-aktar dispozizzjonijiet testamentarji tal-konjugi Attard kienu r-raba artikolu tal-ewwel testment taghhom fejn huma hallew :

***'in prelegato alla loro comune figlia …. Annunziata …. La camera soprana, con tutti I mobili …. Della casa dove essi testatori abitano, sit in detto Casale Caccia in Strada Zarmuc, al numero ventuno, il-verone che sta dirimpetto ad essa camera, ed il-sotto verone, le scale e sottoscale ed il-cortile che sta drimpetto a detto verone e che contiene una cisterna o pozzo artesiano vulgo spiera'.***

Flimkien mat-tieni artikolu tat-tieni testment fejn it-testaturi ddikjaraw illi:

***'vogliono ordinano e dispongono, che rimanendo fermo il-legato …. Della camera soprana …. Il-luogo di case di loro abitazione sito in detto Caccia in strada Zarmuc al numero venti uno avvenuta la morte di ambedue detti testatori, debba venire consegwuito dai su detti Fortunato ed Annunziata fratello e sorella Attard loro figli alla ragione di una meta' er cadun di loro, e cio' in conto della loro quota dalla eredita' di essi testatori, con questo bensi che la meta"di detta Annunziata dovra comprendere la su detta camera soprana ed altre comdita' dello stesso luogo di case col precitato testamento legatele, ma che pero' nondovranno formare parte della rispettiva quota ereditaria, e con questo ancora che in caso la rispettiva porzione che cosi sara' a pervenire a detti fratello e sorella Attard da detto luogo di case e mandretta congiunta sara' superiore di valore alla rispettiva quota ereditaria, ciascuno dei medesimi dovra' per equiparazione, pagarne in denaro la rispettiva differenza agli altri coeredi.'***

Illi fis-sitt artikolu ta' l-ewwel testment, it-testatur kien iddikjara illi qieghed ihalli lit-tlett itfal tieghu mit-tieni zwieg porzjon raba "Tal-Muntanja tan-Nuffara', u raba lokatizju 'Tal-Bajjada' '*in soddisfo dei loro diritti sulla sua eredita' .*

Illi Annunziata Attard mietet xebba fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April elf disa' mija u sittin (1960), u rregolat is-successjoni taghha b'testment tal-ewwel (1) ta' Novembru elf disa' mija tmienja u hamsin (1958) fejn hija halliet bhala eredi universali taghha lit-tmien hutha jew id-dixxendenti taghhom skond il-kaz ;

Illi Fortunato Attard miet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u rregola s-successjoni tieghu bis-sahha ta' testment in atti Nutar Giuseppi Cauchi tat-tlettas (13) ta' Frar elf disa' mija disgha u sebghin (1979) illi bis-sahha tieghu nnomina

bhala eredi universali tieghu lis-serva tieghu Ursola xebba Portelli .

Illi a sua volta' Ursola xebba Portelli mietet xebba fl-erbgha (4) ta' April elf disa' mija hamsa u disghin (1995), u lil din issuccedewha s-sitt hutha, Victoria mart Angelo Refalo, Marianna mart Michaelangelo Galea, Assunta mart Frenc Pace, Emanuela mart Michael Refalo, Frangisk, u Ganni jew id-dixxendenti taghhom skond il-kaz ;

Illi l-atturi qeghdin jannettu bhala Dokument `A` arblu tar-razza tad-dixxendenti ta' Michele Attard illi juri min huma d-dixxendenti ta' Michele Attard u bhala Dokumenti B u C deskrizzjoni tal-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda minn dawn id-dixxendenti mill-beni provenjenti mill-eredita' ta' Michele u Rosa Attard ;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni ta' dawn il-beni u qeghdin jitolbu illi l-istess beni jinbieghu in licitazzjoni stante illi certament dawn ma humiex illum komodament divizibbli bejn il-kontendenti .

Talbu lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn Michael u Rosa Attard billi tiddikjara illi tikkonsisti f'dawk l-assi mobbli u immobiljari illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

2. Tiddividi l-assi komponenti din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet u porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda lill-assi partikolari ta' Michael Attard u l-ohra lill-assi partikolari ta' Rosa Attard ;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Michael Attard billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti likwidata kif fuq inghad, u f'dawk l-assi l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta’ Vincenza Attard it-tieni mara ta’ l-imsemmi Michael Attard billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk l-assi mobbli u mmobbli illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

5. Tiddikjara illi l-fond fi Triq San Guzepp, Xaghra, Ghawdex gia appartenenti lill-imsemmija konjugi Michael u Rosa Attard Illum jappartjeni lill-kontendenti jew min minnhom skond il-kwoti elenkati fl-anness Dokument A; jew fi kwoti ohra verjuri skond ma jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

6. Tiddikjara illi r-raba ‘Tal-Muntanja tan-Nuffara’ fix-Xaghra, Ghawdex imholli bi prelegat minn Michael Attard illum jappartjeni lill-kontendenti jew min minnhom skond il-kwoti elenkati fl-anness Dokument U; jew fi kwoti ohra verjuri skond ma jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

7. Tiddikjara illi l-assi l-ohra kollah gia appartenenti lil Michael u Rosa Attard illum jappartjenu lill-kontendenti jew min minnhom skond il-kwoti elenkati fl-anness Dokument B; jew fi kwoti ohra verjuri skond ma jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

8. Prevja okkorrendo n-nomina u l-opera ta’ perit arkitett sabiex jiddeskrivai u jistma l-assi ereditarji tiddikjara illi dawn l-assi ma humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti, u konsegwentement tordna l-licitazzjoni ta’ dawn l-assi ereditarji, bl-ammissjoni ta’ oblaturi estranei sabiex ir-rikavat minn dawn l-assi jigi diviz bejn il-kontendenti skond il-kwoti lilhom spettanti kif stabbilit hawn fuq .

Bl-ispejjez ripartibbli bejn il-kontendenti skond il-kwoti lilhom spettanti mill-istess beni in divizjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, debitament mahlufa minn Dottor Eucharistico Attard .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa illi :

1. Illi l-eccipjent mhuwiex edott mill-fatti in kawza u dwar l-interess proprju li kull wiehed u wahda mill-persuni li huwa qieghed jirrapprezenta ghandhom f'din il-kawza u ghaldaqstant irid jikkomunika maghhom sabiex jidderiegi ruhu ahjar ;

2. Illi sakemm id-divizjoni mitluba hija fl-interess tal-partijiet kollha, l-eccipjent ma jopponix ruhu ghal din id-divizjoni purche' li qabel tigi verifikata l-konsistenza tal-assi in divizjoni u jsiru l-verifiki tal-kwoti li kull wiehed u wahda mill-partijiet fil-kawza ghandhom fl-assi in divizjoni li jigu identifikati u stabbiliti ;

3. Illi bla pregudizzju u b'riserva li jgib eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt dwar il-fatti in kawza, l-eccipjent jirrimetti ruhu ghall-provi kollha u a savju u superjuri gudizzju ta' din il-Qorti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine minnu mahlufa .

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 1998 fejn innominat lill-A.I.C. Salvu Micallef bhala perit tekniku sabiex jaghmel valutazzjoni tal-fondi in divizjoni .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku minnu mahlufa fis-26 ta' Gunju 2000 .

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-25 ta' Jannar 2002 .

Rat ir-rapport addizzjonali tal-perit tekniku l-A.I.C. Salvu Micallef pprezentat fl-20 ta' Mejju 2003 u mahluf fis-16 ta' Ottubru 2003 .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza qed tintalab id-divizjoni ta' diversi beni pposseduti in komun bejn il-kondividenti u provenjenti lilhom mill-wirt u successjoni ta' Michael u

Rosa konjugi Attard u d-dixxendenti taghhom . Jinghad mal-ewwel illi qed tintalab ukoll id-divizjoni ta' l-eredita' ta' Vincenza Attard, t-tieni mara ta' Michael Attard, imma ma rrizulta illi din kienet tipposjedi ebda assi partikolari . Fl-ewwel testment li d-decujus Michael Attard ghamel mat-tielet mara tieghu, Rosa, huwa halla lit-tliet uliedu miz-zwieg tieghu ma' Vincenza nee' Gauci, il-proprjeta' ta' bicca raba, msejjha "tan-Nuffara" u l-qbiela ta' bicca raba ohra msejjha "tal-Bajjada" , "*in soddisfo dei loro diritti sulla sua eredita'* ." [1] Imma kif jghid il-perit tekniku fl-ewwel relazzjoni tieghu :

"…. Il-partijiet iddikjaraw li … hadd minnhom ma jaf fejn hi r-raba 'tal-Muntanja tan-Nuffara' . … ir-raba 'tal-Bajjada' ma kienx proprjeta' tal-mejjet Mikieli Attard izda kien imqabbel ghandu u ghaldaqstant il-partijiet prezenti qablu sabiex il-perit tekniku ma jaghmilx pjanti u stimi ta' dan ir-raba."[2] Din ir-raba ghandha ghalhekk tibqa' indiviza bejn il-werrieta tat-tliet itfal tat-tieni zwieg ta' Michael Attard ma' Vincenza nee' Gauci skond kif jirrizulta mill-lista "Dokument U" annessa ma c-citazzjoni.[3]

Minn naha l-ohra jirrizulta illi l-konjugi Michael u Rosa Attard kienu jipposjedu wkoll is-segwenti beni, li gew deskritti u stmati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu :

(i) fond numru 43/44 fi Triq San Guzepp, Xaghra, Ghawdex, stmat fl-ewwel relazzjoni tal-valur ta' sitta u sittin elf lira maltija (Lm66,000)[4] ;

(ii) raba' ta' Lablab,go passagg tar-rigel li jaghti ghal Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, stmat tal-valur ta' erba' u ghoxrin elf lira maltija (Lm24,000)[5] ;

(iii) raba' iehor ta' Lablab, fi Sqaq fi Triq San Anton, Xaghra, Ghawdex, stmat ghaxart elef lira maltija (Lm10,000)[6] .

---

[1] Ara art. VI tat-testment taghhom in atti Francesco Gauci tat-23.4.1914; Dok. O a fol. 29 tal-process .
[2] ara relazzjoni perit tekniku; it-tieni pargarfu a fol. 81 .
[3] a fol. 45 – 46 .
[4] a fol. 83 - 4; ara wkoll pjanta Dok. SM 1 a fol. 87 .
[5] a fol. 85; ara wkoll pjanta Dok. SM 2 a fol. 88 .

Fl-ewwel testment gia msemmi tal-konjugi Michael u Rosa Attard, dawn kienu *inter alia* hallew prelegat favur binthom xebba Annunziata tal-"**camera soprana, con tutti i mobili, bianchieria, denaro, oggetti d'oro e d'argento e tutt'altro in essa esistente alla epoca della morte del superstite di essi testatori, della casa dove essi testatori abitano, sita in detto Casale Caccia in Strada Zarmuc, al numero ventuno** (illum id-dar bl-indirizz 43/44 fi Triq San Guzepp, Xaghra, kif deskirtta mill-perit tekniku), **il verone che sta dirimpetto ad essa camera, ed il sottoverone, le scale e sottoscale ed il cortile che sta dirimpetto a detto verone e che contiene una cisterna o pozzo artesiano vulgo spiera."** [7]

Imma f'testment sussegwenti, l-istess testaturi ghamlu xi modifiki ghat-testment originali taghhom, fejn fost hwejjeg ohra, iddisponew illi : " ….. **rimanendo fermo il legato alla stessa Annunziata lasciato con detto testamento della camera soprana cogli oggetti e sostanze mobili in essa esistenti ed altre comodita', e salvi rimanendo gli oneri apposti a tale legato, il luogo di case di loro abitazione sito in detto Caccia in strada Zarmuc al numero venti uno avvenuta la morte di ambedue detti testatori, debba venire conseguita dai sudetti Fortunato ed Annunziata fratello e sorella Attard loro figli alla ragione di una meta' per cadun di loro, e cio' in conto della loro quota della eredita' di essi testatori, con questo bensi che la meta' di detta Annuziata dovra' comprendere la su detta camera soprana ed altre comodita dallo stesso luogo di case col precitato testamento legatele, ma che pero' non dovranno formare parte della rispettiva quota ereditaria, e con questo ancora che in caso la rispettiva porzione che cosi' sara' a pervenire a detti fratello e sorella Attard da detto luogo di case e mandretta congiunta, sara' superiore di valore alla rispettiva quota ereditaria, ciascuno dei medesimi**

---

[6] a fol. 85; ara wkoll pjanta Dok. SM 3 a fol. 89 .
[7] art. IV ta' dan it-testment a fol. 29 .

**dovra' per equiparazione, pagarne in denaro la rispettiva differenza agli, altri coeredi.”**[8]

Inqalghet kwistjoni bejn il-kontendenti werrieta ta' din Annunziata Attard u dawk ta' huha Fortunato dwar jekk dan il-fond kellux jinbiegh kif inhu biex kulhadd jiehu sehmu fi flus, inkella kellux jinqasam biex l-eredi ta' Fontunato Attard jiehdu, kif xtaqu, sehemhom fi proprjeta' . Din il-kwistjoni giet deciza fis-sentenza preliminari ta' din il-Qorti meta ntqal illi:

"…. **jidher illi din id-dar li taghti fuq tliet toroq, hija kbira bizzejjed u m'ghandux ikun difficli li tinqasam f’zewg porzjonijiet ta’ valur ugwali, halli sew il-werrieta tal-prelegatarju Fortunato Attard, kif ukoll dawk tal-prelegatarja l-ohra Annuziata Attard ikunu jistghu jippercepixxu dak imholli lilhom fi proprjeta’ minghajr il-htiega li jinbiegh il-post kollu, gialadarba l-werrieta ta’ Fortunato Attard hekk iridu**."[9]

Ghalhekk u sabiex jinghata effett lill-prelegati mhollija mill-konjugi Attard f'dawn iz-zewg testmenti taghhom, fl-istess sentenza ordnat illi l-process jigi rimess lill-perit tekniku l-A.I.C. Salvu Micallef sabiex jaqsam il-fond numri tlieta u erbghin (43) u erba’ u erbghin (44) Triq San Giusepp, ix-Xaghra, Ghawdex, f’zewg porzjonijiet ugwali u dana bl-intiza illi dawn jigi assenjati wahda lill-eredita’ ta’ Anunziata Attard u l-ohra lill-eredita’ ta’ Fortunato Attard; dik il-parti li trid tigi assenjata lill-eredita’ ta’ Annuziata Attard kellha tinkludi l-ambjenti deskritti fir-raba (4) artikolu tat-testment ta’ Michele u Rosa konjugi Attard tat-23 ta’ April 1914 . L-istess perit kellu jaghmel stima separata ta’ dawn l-ambjenti prelegati lil Annuziata Attard, bl-iskop illi l-valur taghhom jkun jista’ jitnaqqas mill-valur tan-nofs diviz spettanti lilha mill-istess fond, meta ssir l-ekwiparazzjoni mal-werrieta l-ohra, u dana peress illi dawn l-ambjenti thallew lilha barra minn sehemha mill-wirt . Il-perit tekniku kellu mbaghad jghid ukoll jekk id-divizjoni b’dan il-mod tad-dar imsemmija, teffetwax il-valutazzjoni ta’ l-istess dar

---

[8] art. II tat-testment taghhom wkoll in atti Francesco Gauci tal-25.10.1923; Dok. R a fol. 31 - 2 .
[9] ara sentenza preliminari tal-25.1.2002 a fol. 137 .

gia maghmula minnu fl-ewwel relazzjoni tieghu u f'kaz affermativ kellu jindika tali differenza fil-valur taz-zewg porzjonijiet .

Dan kollu sar mil-A.I.C. Micallef fit-tieni relazzjoni tieghu[10] . Id-dar in kwistjoni giet maqsuma f'zewg porzjonijiet ugwali, bil-parti assenjata lill-eredi ta' Annunziata Attard tinkludi l-ambjenti prelegati lilha bl-ewwel testment tal-konjugi Attard . Din kellha tkun dik il-parti delinejata bil-kulur blu fuq il-pjanta SM 4.[11] Il-parti prelegata lil Annuziata Attard giet stmata erbatax il-elf lira maltija (Lm14,000) . Il-parti li trid tigi assenjata lill-eredi ta' Fortunato Attard hija dik delinejata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta . Saret ukoll revizjoni fl-istima originali maghmula mill-perit tekniku, sabiex issa kull porzjon minn din id-dar gie stmat tal-valur ta' tmienja u erbghin elf lira maltija (Lm48,000) .[12]

B'hekk jigi illi l-valur totali ta' l-assi tal-konjugi Michael u Rosa Attard, li jrid jigi diviz bejn il-werrieta taghhom, jikkompendi :

i. il-valur tal-porzjon mid-dar fi Triq San Guzepp, li jrid jigi assenjat lill-eredi ta' Annuziata Attard, nieqes il-parti prelegata lilha barra minn sehemha, u cioe' : Lm48,000 - Lm14,000 = Lm34,000 ;

ii. il-valur tal-porzjon mill-istess dar assenjat lill-eredi ta' Fortunato Attard, akkont ta' sehmu : Lm48,000 ;

iii. il-valur tar-raba "ta' Lablab" accessibbli mill-passagg fi Triq il-Knisja : Lm24,000 ; u

iv. il-valur tar-raba l-iehor "ta' Lablab" fi Sqaq fi Triq San Anton : Lm10,000 ;

\- b'kollox : mija u sittax il-elf lira maltija : Lm116,000 .

---

[10] a fol. 167 - 170 .
[11] a fol. 175 .
[12] a fol. 170 .

Flimkien ma' c-citazzjoni taghhom l-atturi pprezentaw tliet listi tal-werrieta rispettivi ta' Annunziata Attard,[13] ta' Fortunato Attard,[14] u ta' l-ulied l-ohra tal-konjugi Michael u Rosa Attard[15] bis-sehem rispettiv taghhom . Hadd mill-kontendenti ma kkontesta bl-ebda mod il-korrettezza ta' din il-lista u ghalhekk din il-Qorti ser taddotta l-istess listi ghall-fini ta' din id-divizjoni .

La fl-ewwel u lanqas fit-tieni testment taghhom il-konjugi Michael u Rosa Attard ma jinnominaw eredi u ghalhekk bil-ligi jigi illi l-werrieta taghhom huma l-ulied kollha li kellhom indaqs bejniethom . Mill-arblu genologiku esebit ma' c-citazzjoni[16] jirrizulta li l-konjugi Michael u Rosa Attard kellhom sebat (7) itfal . Ghalhekk l-assi totali ta' mija u sittax il-elf lira maltija (Lm116,000) irid jinqasam f'seba porzjonijiet biex lil kull cipp jispetta valur ta' sittax-il elf, hames mija wiehed u sebghin lira maltija (Lm16571) .

Id-divizjoni tal-beni gia appartenenti lill-konjugi Michael u Rosa Attard ghandha ghalhekk issir bil-mod segwenti :

(i) lill-eredita' ta' Annunziata Attard jigi assenjat in-nofs diviz tad-dar fi Triq San Guzepp, delinejat bil-kulur blu fuq il-pjanta Dok. SM 4 kif gia nghad . Minhabba n-numru konsiderevoli ta' kondividenti, dan is-sehem diviz ghandu jinbiegh bis-subbasta sabiex ir-rikavat imbaghad jinqasam bejn l-eredi kollha ta' l-istess Annunziata Attard, skond kif indikat fil-lista Dok. B gia msemmija . Minhabba illi l-valur ta' dan il-porzjon jissupera s-sehem spettanti lil Annunziata Attard mill-assi tal-genituri taghha, il-werrieta taghha jridu jirrifondu bhala ekwiparazzjoni lill-assi tal-konjugi Michael u Rosa Attard : Lm34,000 - Lm16571 = Lm17,429 ;

(ii) lill-eredi ta' Fortunato Attard, indikati wkoll fuq il-lista "Dok. B", jigi assenjat il-porzjon indikat bil-kulur isfar fuq il-pjanta Dok. SM 4 fuq indikata .

[13] Dok. B a fol. 10 - 11 .
[14] Dok. B ukoll a fol. 12 .
[15] Dok. C a fol. 13 - 14 .
[16] Dok. A a fol. 9 .

Minhabba l-ekwiparazzjoni dawn ghandhom da parti taghhom jirrifondu lill-assi tal-konjugi Michael u Rosa Attard : Lm48,000 - Lm16,571 = Lm31,429 ;

(iii) il-beni l-ohra tal-konjugi Attard u cioe' z-zewg bicciet raba "ta' Lablab", billi lanqas m'huma komodament divizibbli bejn daqstant kondividenti, ghandhom jingiebu in subbasta sabiex imbaghad ir-rikavat, flimkien mal-flus mghoddija in ekwiparazzjoni, jigi percepit mill-werrieta l-ohra tal-konjugi Michael u Rosa Attard, skond kif indikat fuq il-lista Dok. C .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi :

1. tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet u tiddikjara illi l-assi gia formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjugi Michael u Rosa Attard, jikkonsistu fil-beni indikati u deskritti fl-ewwel rapport peritali ta' l-A.I.C. Salvu Micallef a fol. 83 - 85 tal-process ;

2. tichad ir-raba talba billi ma rrizultaw ebda beni appartenenti l-assi partikolari ta' Vincenza Attard, it-tieni mara ta' Michael Attard ;

3. tilqa' l-hames talba u tiddikjara illi l-fond bin-numri 43, 44 fi Triq San Guzepp, ix-Xaghra, Ghawdex, gia appartenenti lill-konjugi Michael u Rosa Attard, illum jappartjeni lill-kontendenti skond il-kwoti elenkati fil-lista "Dokumnet B" anness ma' c-citazzjoni ;

4. taqsam dan l-istess fond f'zewg porzjonijiet ugwali skond kif indikat fit-tieni relazzjoni tal-perit tekniku, sabiex wara li jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex tigi fizikament maqsuma din id-dar, kif specifikat fl-istess relazzjoni, (a) il-parti assenjata lill-eredita' ta' Annunziata Attard tingieb ghall-bejgh in licitazzjoni, bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estranei, halli mbaghad ir-rikavat, wara li titnaqqas is-somma ta' sbatax il-elf erba' mija disa' u ghoxrin lira maltija (Lm17,429) dovuta bhala ekwiparazzjoni kif fuq inghad, jinqasam bejn il-werrieta ta' l-istess Annunzjata Attard skond kif indikat fil-lista Dok. B gia msemmija ; u (b) il-werrieta tal-parti minn dan il-fond assenjata lill-eredita'

ta' Fortunato Attard ghandhom jigu immessi fil-pussess ta' dan il-legat imholli bit-tieni testment tal-konjugi Michael u Rosa Attard, u ghal dan il-fini tinnomina lin-Nutar Dottor Joanne Cauchi sabiex tirredigi l-kuntratt opportun fl-ufficcju taghha nhar is-Sibt 7 ta’ Awissu, 2004 fid-disgha u nofs ta’ fil-ghodu (9.30 a.m.) .

U ghall-fini tal-eventwali kontumaci fuq l-istess att tinnomina lill-avukat Dottor Tatienne Cassar ; b'dana illi fuq l-istess att ghandhom jirrifondu bhala ekwiparazzjoni lill-assi tal-konjugi Michael u Rosa Attard, is-somma ta' wiehed u tletin elf erba' mija disa' u ghoxrin lira maltija (Lm31,429) ;

5. tiddikjara illi r-raba "tal-Muntanja tan-Nuffara" fix-Xaghra, Ghawdex, imholli bi prelegat minn Michael Attard lil uliedu mit-tienu zwieg ma' Vincenza nee' Gauci, billi ma nstabx fejn hu, ghandu jibqa' indiviz bejn il-werrieta ta' l-istess Vincenza Attard nee' Gauci, skond kif indikat fil-lista "Dok. U" annessa ma' c-citazzjoni ;

6. tordna wkoll il-bejgh in licitazzjoni taz-zewg bicciet raba' "ta' Lablab" limiti tax-Xaghra, Ghawdex, kif deskritti u stmati fl-ewwel relazzjoni tal-perit tekniku, sabiex ir-rikavat, flimkien mal-flus mghoddija bhala ekwiparazzjoni mill-werrieta ta' Annunziata Attard u Fortunato Attard, jinqasam bejn l-eredi ta' l-ulied l-ohra tal-konjugi Michael u Rosa Attard, skond l-ishma rispettivi taghhom kif indikat fil-lista Dok. C annessa ma' citazzjoni .

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssoportati bejn il-kontententi skond il-kwoti spettanti lilhom minn din id-divizjoni .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------